MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 32/2010

**Antonio Castellino (0026093 (A))**
**vs**
**Carlos Borg, Maria Borg u Marthese Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta’ elfejn mija u sebgha u sebghin ewro u tnejn u sebghin ewro centezmu (€2,177.72) u dan kif jemergi mid-dokumenti annessi.

Illi l-attur issupplixxa u forna lill-konvenuti diversi prodotti ta’ marmellata u zejt fl-istabbiliment agjacenti taghhom ossia “Trattoria Palazz” u “Café Palazz”, it-tnejn ta’ 43, Triq it-Teatru l-Antik, Valletta. Minkejja diversi interpellanzi ghal hlas, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Illi l-konvenuti jiggestixxu l-‘business’ personalment.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma miltluba oltre imghax u spejjez inkluz dawk ta' l-ittra legali datata 4 ta' Jannar, 2010. Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx ir-risposta ghalkemm debitament notifikati u l-anqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fl- 1 ta' Marzu, 2010 mill-Avukat Dr.Susann Agius u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuti naqsu jikkontestaw il-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------